



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2013 (20.06)
(OR. en)**

**11134/1/13
REV 1**

FISC 130

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil	Coreper/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta il-konklużjonijiet li ġejjin:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jitlob lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tat-treġġiġh lura (rollback) kif ukoll il-ħidma tiegħu fil-Pakkett ta' Ħidma tal-2011;
- jinnota progress fuq l-oġġettiv li l-Isvizzera taċċetta li tapplika l-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli d-diskussjonijiet mal-Isvizzera taħt il-Presidenza Litwana u żżomm lill-Grupp regolarment infurmat dwar il-progress;
- jistieden lill-Grupp jissokta l-konsiderazzjoni tiegħu tal-abbozz ta' gwida kontra pjanar fiskali aggressiv permezz ta' entitajiet ibridi taħt il-Presidenza Litwana;
- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Litwana jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu."